MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Numru 862/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**versus**

**Adrian Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Adrian Mifsud ta’ 34 sena bin Emmanuel u Antonia nee  Ferriggi, imwieled l-Imtarfa, limiti tar-Rabat, Malta fit-23 t’April 1971 u joqgħod fil-fond numru 128 Lilad, Triq il-Port Ruman, Marsaxlokk u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 0215471 (M)

Akkużat talli fil-waqt li kien xogħol fl-Isptar San Vinċenz de Paule limiti ta’ Ħal-Luqa u bandi oħra fil-Gżejjer Maltin nhar id-29 ta’ Diċembru 2003 b’qerq ħoloq traċċi ta’ reat, cioe’ bomba finta, b’mod li jistgħu jinbdew proċeduri

kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar u dan abi ksur tal-artikolu 110(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-fedina penali tal-imputat, il-konferma tan-nomina tal-esperti maħtura matul l-inkjesta (fol 6), il-proċes verbal tal-inkjesta redatt mill-Maġistrat Dr Consuelo Scerri Herrera (fol 11), il-kunsens tal-Avukat Ġenerali u dak tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol 8 u 17).il-current incident report a fol 32, ir-ritratt esibit ma' document mill-Kaptan Jeffrey Curmi (fol 68), id-dok JC a fol 69 u t-trattazzjoni miktuba talp-avukat difensur (fol 114).

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni.  Rat ukoll in-nota pprezentata mill-Ufficjal Prosekutur u mill-avukat difensur.

Ikkonsidrat

Skond il-Prosekuzzjoni nhar it-30 ta' Diċembru 2003  ċertu Patrick Vella ta' 39 sena kien għamel rapport li malli mar ix-xogħol fis-6.30 am kien sab oġġett suspettuż jixbah bomba fuq il-locker tiegħu. Patrick Vella kien diġa' ħa l-pakkett fl-Uffiċċju tas-Supretendent Dr Ronald Fiorentino. Fuq l-oġġett kien hemm arloġġ tal-polz li ma jaħdimx. Mal-arloġġ ma kien jidher li hemm xejn issaldjat. Patrick Vella kien dam ma nforma lis-superjuri tiegħu għaliex ħaseb li din kienet ċajta. (fol 13).

**Xhieda Prosekuzzjoni**

L-allegat vittma tal-bomba Patrcik Vella xehed li hu kellu relazzjonijiet tajbin mal-imputat. Hu kellu suspetti f'ħaddieħor. L-oġġett kien sabu fuq il-locker u qabdu u dawru.  L-oġġett kien joħloq impressjoni ta' bomba. Lix-xhud kienu bidlulu s-sala ta' fejn kellu jaħdem. Huwa kien jaf li l-oġġett kien immuntat mill-imputat għax qallu l-imputat innifsu. Dan skuża ruħu u għarrfu li kienet ċajta. Ix-xhud qal li kien ħafer lill-imputat u ħadu b'idejn xulxin.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li kien tefa' l-oġġett fil-locker u żammu għandu għal madwar erba' sigħat. (fol 26).

L-istess Patrick Vella kien jissuspetta f'nies oħrajn li setgħu għamlu din il-forma ta' bomba minħabba li jumejn qabel kien irraporthom. L-EOD kienu qalu li l-bomba ma kenitx hoax. Ma kien hemm ebda materjal splussiv. Kien hemm usspett li din kienet twiddiba lil xi ħadd. L-imputat kein amr l-Għassa tar-Raħal Ġdid u kein qal li għamel il-bomba finta bħala ċajta. Dan id-diskors irrepetih bil-ġurament waqt l-inkjesta.

PS 947 Adrian Paul Vella xehed li huwa kien mar fuq il-post u sab kaxxa wrapped bit-tape kannella u kellha xi wires ħerġin minnha u arloġġ fuqha u kien ċempel lill-Bomb Disposal Unit. (fol 30).

PC 186 Kristina mintoff ikkonferma r-ritratti li kien ħa waqt l-inkjesa.

Dr Ronald Fiorentino xehed li għall-ħabta tal-10.30 am is-sur Patrick Vella kien ġibed l-attenzjoni tad-Departmental Nursing Manager dwar pakkett li kien sab fuq il-locker. Bejn is-Sur Patrick Vella u l-bqija tal-istaff ma keinx hemm 'demm tajjeb'. (fol 39) Is-sur Patrick Vella kien qed iżomm l-oġġett f'idejh. (fol 40) u kien talab diversi drabi għal transfer mis-sala. Huwa kien allega li qed iħossu mhedded. Xi persuni kien avviċinawhom u qalulhom li dik kienet ċajta. (fol 41).

Is-Sur Remiġ Zammit, Departmental Nursing Manager, xehed li meta Patrcik Vella urieh l-oġġett dan Patrick Vella beda jallega li dan kien theddida. Ix-xhud ħa l-oġġett u tela ħdejn Dr Fiorentino.

PC 453 Brian Cassar ikkonferma li kien ħa sett ritratti.

Il-Kurunell Albert Camilleri xehed li meta eżamina l-oġġett huwa sab żewġ pajpijiet tubular kwadri ta' xi 10 cm tul u b'żewġ ċentimetri dijametru. Dawn kienu mehmużin b'tape kannella. Magħhom kien hemm żewġ wires , batterija u arloġġ. Ma kien ebda tip ta' splussiv. Il-batterija

kienet eżawrita għax kien ħiereġ l-alkaline minnha. Din kienet ċajta goffa.

Dr Edward Zammit lewis ikkonferma r-rapport tiegħu filwaqt li hu qabel li meta kiteb ir-rapport huwa kien qal 'jekk ikun il-każ' u ħalla f'idejn il-Maġistrat Inkwirenti.

Il-Kaptan Jeffrey Curmi xehed li kien mar fuq il-post u sab komponenti li jgħaqqdu bomba mingħajr l-isplussiv u d-detonator. Kien hemm l-aċċessorji l-oħra: batterija, timer, wiring u container iżda bla esplussiv, din ma tistax tisplodi. Biss l-oġġett kien jixbaħ il-bomba.

**Xhieda Difiża**

Xehed. l-imputat li kkonferma x-xhieda li kien ta waqt l-ikjesta. Fost dettalji oħrajn li diġa' dehru fil-paragrafi preċedenti huwa qal li kien bena l-oġġett biex jagħmel ċajta lil Patrick Vella. Huwa kien waħħal l-oġġett mal-locker bit-tape.Ir-relazzjoni ma' Patrick Vella kienet tajba. Huwa ma kienx xogħol filgħodu u sar jaf x'aġara meta l-ħabib tiegħu, ċertu Jimmy Axiaq, kien infurmah li ċċ-jata kieent kibret u daħlu l-Pulizija. Huwa kien mar l-għassa t' Raħal Ġdid fejn ikkonferma li din kienet ċajta u xejn aktar. Huwa kien iddispjaċih għal dak kollu li kien inqala'.

Waqt li kien fuq il-pedana tax-xhieda, l-imputat ikkonferma li is-sur Patrick Vella kien għamel diversi talbiet bix ma jibqax fl-istess sala. L-iskop tal-imputat kien wieħed ta' ċajta mija filmija. (fol 86). Huwa ma kellu ebda intgenzjoni li jhedded lil i ħadd. Saħansitra wieħed minn sħabu rah jagħmilha. Is-sur Patrick Vella lanqas riedu jmur l-għassa għax baqa' jinsisti mhux l-imputat kein għamel l-allegata bomba.

Dr Ronald Fiorentino kkonferma li kienu taw transfer lil Patrick Vella fiż-żmien tal-inċident wara li kien esprima xewqa li dan iseħħ l-istess Vella. Huwa kien sar jaf dwar l-allegata bomba għall-ħabta tal-11.00 am. L-imputat kien qallu li jiddispjaċih ta' dak li kien għamel.

Patrick Vella xehed li hu kien mar jaħdem f’sala oħr l-għada tal-inċident. Huwa qal li l-pakkett kien imwaħħal fil-locker tiegħu. Xi ħadd kien tahulu f’idejh u qallu li din kienet xi praspura. Huwa kien ħa ħsieb ilesti x-xogħol fis-sala u ma riedx joħloq paniku. Kien imbagħad li ġibed l-attenzjoni td-DNO.  Huwa kkonferma wkoll li qat ma kien hemm clashes mal-imputat li setgħu iwasslu għal xi praspura. Huwa qal ukoll li jekk forsi sar żball, il-lezzjoni ttieħdet kemm da parfti tiegħu kif ukoll da part ital-imputat.

Xehed ukoll Jimmy Axiaq li qal li Patrick Vella daqqa kein juri l-oġġett lil wieħed u daqqa lill-ieħor. Meta x-xhud ra lil Patrick Vella jibża’, qallu li kein għamilha Adrian Mifsud u li kienet ċajta.

Fl-aħħarnett xehed Claudio Zammit li kkonferma li l-oġġett kien ġie f’idejn Patrick Vella wara li tahulu ċertu Toni Buhagiar.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Mill-provi prodiotti jirriżulta bla ebda dubju li din il-‘bomba finta’ kien għamilha l-impujtat għaliex stqarru minn rajh kemm fl-inkjesta kif ukoll fuq il-pedana tax-xhieda. Jirriżulta wkoll li bejn l-imputat u s-sur Patrick Vella kien hemm relazzjonijiet tajbin tant li s-sur Patrick Vella lanqas ried jemmen li l-allegata bomba kienet ċajt magħmula mill-imputat.

Issa l-imputat huwa akkużat bi ksur tal-artikolu 110(2) tal-Kap 9 li bħala elementi għandu:

(a) Il-ħolqien ta’ traċċi ta’ reat;

(b) B’mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat sar.

Mill-provi jirriżulta wkoll

(i) li mal-ewwel daqqa t’għajn l-oġġett ma kien fih ebda splussiv u

(ii) li biex sar rapport leħqu għaddew erba' sigħat;
(iii) li s-Sur Patrick Vella beda jdur bl-oġġett u jurih lil kulħadd;
(iv) li s-Sur Patrick Vella kien mgħarraf li l-oġġett kien ċajta.

Fid-dawl ta' dawn il-provi l-Qorti ma tistax tqis li kien hemm xi ħolqien ta' traċċi ta' reat. Wieħed ma joqgħodx idur b'oġġett allegatament bomba u joqgħod jurih lil kulħadd għax jekk tassew qed jibża' mill-oġġett lanqas biss imissu. Il-Qorti qed tieħu wkoll in konsiderazzjoni li leħqu għaddew erba' sigħat bejn meta nstab l-oġġett u sar l-ewwel rapport.

Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li huwa nieqes l-ewwel element rikjest mill-artikolu 110(2).

Il-Qorti hija wkoll soddisfatta li l-imputat ma kellu ebda intenzjoni li jittieħdu xi passi kontra xi ħadd jew li jaħli l-ħin prezzjuż tal-Pulizija billi tinbeda xi investigazzjoni. Dan jirriżulta kemm mid-depożizzjoni tal-imputat fl-inkjesta u waqat il-proċeduri kif ukoll li minn rajh mar l-għassa biex jispjega x'kien ġara. Fil-fehma tal-Qorti l-imputat qatt ma basar li l-affarijiet kienu ser jaslu s'hawn tant li ħa passi mal-ewwel biex jieqaf kollox.

Huwa tassew li li kieku l-imputat kellu l-***animus jocandi*** biex joħloq l-allegati traċċi tar-reat, kien ikollu intenzjoni kriminali biżżejjed biex jinstab ħati. Iżda lanqas din l-intenzjoni ma jidher li kellu l-imputat. L-imputat ma kellux l-intenzjoni li jidħak jew li jinganna bil-ġustizzja – element indispensabbli sabiex wieħed jista' jisntab ħati ta' dan ir-reat kif kien ritenut mill-Qrati tagħna fil-każ 'Il-Pulizija versus Thomas Sapiano'. [1]

Lanqas li kieku l-imputat ried jhedded lis-sur Patrick Vella ma kein ikun jista' jinstab ħati taħt dan l-artikolu jew taħt xi artikolu ieħor li jinvolvi t-theddid ġaladarba r-reat tat-theddid mhux involut u kompriż fl-artikoluj 110(2) tal-Kap 9

[1] Qorti tal-Appell Kriminali 27 ta' Ġunju 1959 : L-Imħallef Harding.

u ġaladarba l-imputat ma kellu ebda intenzjoni li jhedded lis-Sur Patrick Vella.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat li-artikolu 110(2) tal-Kap 9, qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni dedotta kontrih.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------